# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2388

Kaz Nru: 3032 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Alastair Cuschieri

u

1. Cateressence Ltd
2. Oper8Malta Ltd

Illum : 14 ta' Mejju, 2015

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

## Introduzzjoni

Dan il-każ beda jinstema miċ-Chairman is-Sur Chris Attard fil-19 ta' Novembru 2012 iżda għadda għand iċ-Chairman msemmi fuq fl-24 ta' Ottubtu 2013.

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avv. Joanne Vella Cuschieri fit-19 ta' Ġunju 2012 f'isem ir-rikorrent. Ġara illi fil-ġimgħa ta' bejn l-14 u l-20 ta' Mejju 2012, ir-rikorrent irraporta lis-superjuri tiegħu li kien hemm ġobna nieqsa, u dan kif kellu kull dover li jagħmel. Ir-rikorrent kien jaħdem bħala Assistant Chef mas-soċjeta' ntimata mill-1 ta' Mejju 2010 (mill-1 ta' Lulju 2010 ma' Oper8Malta Ltd). Fil-21 ta' Mejju 2012, ir-rikorrent ġie nfurmat li kien issuspettat li kien hu stess li ħa l-ġobna u ġie sospiz mill l-impjieg. Fil-24 ta' Mejju, 2012, ir-rikorrent ittella' quddiem Bord tad-Dixxiplina fejn wara l-laqqħa ġie verbalment infurmat li l-impjieg tieghu ġie terminat.

Ir-rikorrent ma' nagħata l-ebda dokumentazzjoni relatata mat-terminazzjoni mis-soċjeta' ntimata, inkluż xi forma nformazzjoni relatata mal-Bord tad-Dixxiplina. Illi l-anqas seta' jiġi aġġornat *'l-employment history'* tar-rikorrent ma' l-ETC.

Ir-rikorrent jiċħad b'mod kategoriku li huwa seraq xi ħaġa u li jaf li s-soċjeta' għandhom l-informazzjoni ta' min vera seraq il-ġobna u li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ma kienetx waħda valida ai termini tal-liġi għaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni kienet waħda ngusta u sabiex jagħti l-provvedimenti kollha opportuni skond il-liġi nkluż reintegrazzjoni fil-post tax-xogħol u li jitħallas kumpens gust.

Da parti tagħha s-soċjeta' ntimata ddikjarat li r-rikorrent ġie mkeċċi minħabba li kien instab f'ċirkostanzi li jindikaw li s-soċjeta ma' setgħetx tafdaħ iktar fl-impjieg. Dan wara li ħa żewġ kaxxi mill-post tax-xogħol, ħariġhom fil-karozza tiegħu u meta kien konfrontat b'dan waqt il-proċess dixxiplinarju ma' kellux spjegazzjoni sodisfaċenti. Is-soċjeta' ntimata kellha ukoll filmat (CCTV) ta' dan.

**Fatti**

Ir-rikorrent beda jaħdem mas-Soċjeta ntimata sa mill 1 ta' Mejju 2010 bħala Assistant Chef.

Bejn l-14 u l-20 ta' Mejju 2012 ir-rikorrent irraporta li kien hemm ġobna nieqsa u fil-21 ta' Mejju 2012 ir-rikorrent ġie nfurmat (Dok KC1) li kien issusspetat hu stess li ħa l-ġobna u ġie sospiż b'mod immedjat.

Is-Soċjeta ntimata kellha filmat permezz ta' CCTV li juri lir-rikorrent joħroġ żewġ kaxxi u jpoġġihom fil-karozza tiegħu.

Fl-24 ta' Mejju 2012 (Dok KC2) is-soċjeta ntimata ħatret Bord ta' Dixxiplina u nfurmat li r-rikorrent li l-impjieg kien ġie tterminat.

**Provi**

F'dan il-proċeduri xehdu r-rikorrent, Kenneth Cutajar – HR Manager, Charles Bugeja – Chief Security u Keith Gatt – Executive Chief. Ġew esebiti wkoll xi dokumenti.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal, f'dan il-kaz, irid jikkunsidra jekk dawk iż-żewġ kaxxi li ħareġ ir-rikorrent u li juri l-filmat fuq ic-CCTV, kienx serq premedidat jew kienetx prassi li kienet ilha għaddejja avolja s-soċjeta' ntimata ma kellhiex 'policy' bil-miktub dwar dan. It-Tribunal jinnota ukoll li dan il-każ irriżulta biss għaliex ir-rikorrent għamel rapport fis-17 ta' Mejju 2012 li kien hemm ġobna ta' 20 kg nieqsa fl-istore.

Fix-xhieda tiegħu Kenneth Cutajar – HR Manager kkonferma li mar-rikorrent kien tkeċċa persuna oħra, l-porter tal-kċina, li wkoll inqabad fil-filmat tas-CCTV joħroġ xi affarijiet bla permess. Cutajar ukoll ikkonferma li l-kaxxi li ħareġ ir-rikorrent kienu normalment kaxxi li fihom jinġarr il-ħobż.

Keith Gatt – Executive Chef, responsabbli ta' kollox fil-kċina qal li biex xi hadd joħroġ xi ħaġa mill-kċina, anke jekk tkun għar-rimi, bħal xi barmil jew ħobż, ikun irid jingħata l-permess tiegħu u li hu jċempel is-security biex jinħareġ l-oġett. F'każ li ma jkunx hemm security Keith Gatt qal li l-persuna li jkun irid joħroġ l-oġġett irid jistenna l-ħin li jkun hemm is-security. Din ma kienetx policy bil-miktub iżda kien jafha kullħadd. Ir-rikorrent kien jirraporta lil Keith Gatt. Iċ-Chief Security, Charles Buġeja, spjega li l-staff kien joħroġ mill-kċina jew mir-reception meta ma kienx ikun security għax l-istaff entrance kien jinżamm magħluq. L-istaff ovvjament jippanċjaw qabel joħorgu.

Ir-rikorrent, fix-xhieda tiegħu spjega kif irraporta l-ġobna nieqsa lis-security u li għamlu rapport. Kompla li kien bagħat għalih Kenneth Cutajar u ssospendieħ. Qal li Cutajar ma taħx raġuni speċifika u qallu li ħa jerġaw jibgħatu għalih mill Head Office fil-Mosta. Meta kellu l-Bord tad-dixxiplina qal li tela' waħdu u li eventwalment iddeċidew li jitterminawħ. Huwa spjega li l-akkuża kienet li rawħ ħiereġ b'żewġ kaxxi fuq is-CCTV.

Ir-rikorrent kompla jispjega lil Bord li dawk kienu kaxxi bil-ħobż niexef li dejjem kien joħroġhom bil-kunsens tal-Head Chef ta' qabel, li kien qal lilu u l-oħrajn tal-kċina li min irid jieħu l-ħobż niexef jaqbad u jieħdu. Kompla li daqqa kien jieħdu hu u daqqa xi kollega. Dan kien ħobż niexef li ma jkun tajjeb għal xejn. Kull meta l-ħobż kien ikun tajjeb għal 'breadcrumbs' kien dejjem jibgħatu Ħal Qormi. Hu qal li kien jieħu biss dak li jkun qed jitnawwar.

Meta mistoqsi miċ-Chairman dwar hekk kienx jaf bi proċedura biex jinħarġu l-affarijiet ir-rikorrent qali li iva u li wieħed irid javża lis-security imma mhux rigward affarijiet għar-rimi simili għal 'garbage bags' li kienu simili għal ħobż imnawwar li r-rikorrent kien itiħ lil klieb.

Fuq x'kien qallu Keith Gatt, il-Head Chef li kellu l-aħħar ir-rikorrent, dan kien jgħidlu 'eħlisni minnu'. Ir-rikorrent kien jaqbad u jieħdu fil-van. Ir-rikorrent tenna li eħlisni minnu kienet ċert li tfisser armiħ. Kien ekwivalenti għaż-żibel li kien jinħareġ minn wara u bla permess ta' ħadd. Ir-rikorrent kompla li wara li ħareġ il-ħobż fil-kaxxi reġa ħareġ ipejjep normali bla biża ta' xejn u wara telaq lejn id-dar. Fix-xhieda ukoll ġie stabbilit anke mis-soċjeta' ntimata li fil-kaxxi ma setax kien hemm 20 Kgs ġobon. Ir-rikorrent kkonferma li f'sentejn impjieg qatt ma kellu xi forma ta' warning.

Fit-Trattazzjoni finali s-soċjeta' ntimata spjegat li l-punt prinċipali kien jirrigwardja n-nuqqas ta' ederenza ta' proċeduri tal-kumpanija, billi ħareġ affarijiet minn ġol kumpanija mingħajr permess li jagħmel dan, mingħajr ġustifikazzjoni mingħajr ebda awtorita'. Illi dan huwa ksur ta' kull regola bażika ta' minn jaħdem fi ħwejjeġ ħaddieħor. Is-Soċjeta' ntimata saħqet li l-kċina hija tentazzjoni għax ikun hemm ħafna skart u li ħadd ma jista jieħu xi ħaġa mingħajr permess u li m'hemmx għalfejn ir-regoli jkunu bil-miktub. Illi mhux relevanti x'ħareġ ir-rikorrent. Ir-relevanza hi li ħareġ oġġetti bla permess u ma ġġustifikax ruħu waqt il-Bord tad-Dixxiplina u għaldaqstant is-soċjeta' ntimata ma kienx baqalha għażla għajr li tittermina lir-rikorrent.

Minn naħa tiegħu ir-rikorrent, fit-trattazzjoni finali beda biex fakkar li dan il-każ wasal sa hawn għaliex kien ir-rikorrent stess li rraporta li kienet naqset ġobna. Mill-provi jidher li r-rikorrent ma kienx ħareġ ġobon fil-kaxxi għax jidher ovvju mis-CCTV li l-ġarr ma kienx ta' toqol ta' 20Kg u li fil-fatt kien ħobż għall-klieb.

Dan apparti li r-rikorrent tenna li kien ilu żmien, u kienet prassi li jgħid liċ-Chef u joħroġ il-ħobż għall-klieb. Ħobż li jkun beda jitnawwar u jkun għar-rimi. Dan il-fatt, skond ir-rikorrent, ġie ripetut ħafna drabi waqt il-każ. Ir-rikorrent, ta' serju li hu, fejn kien hemm bżonn jagħmel rapport għamlu, u għamlu meta naqset ġobna ta' 20Kg li kellha valur sostanzjali. Il-filmat ta' CCTV juri ċar li r-rikorrent ma kienx qed jagħmel xi ħaġa bil-moħbi iżda għamilha b'mod apert u bla ebda ħabi u dan juri li fil-kaxxi ma kienx hemm għajr ħobż niexef u mnawwar għall-klieb jew għal fniek li kien għar-rimi ezatt fil-livell ta' l-iskart li jintrema bla permess ta' ħadd ġol-'garbage bags'.

Ir-rikorrent sostna li l-prassi ta' 'l-*understanding*' bejn iċ-chef u r-rikorrent kienet f'postha u għaldaqstant it-terminazzjoni kienet inġusta. Illi l-kwistjoni kollha ġiet preċipitata mir-rapport li għamel ir-rikorrent stess u spiċċa rinfaċċat bit-terminazzjoni hu stess.

Dan permess, it-Tribunal jikkunsidra li:

It-Tribunal jinnota li mill-fatti, provi u d-dokumentazzjoni miġjuba ma' jirriżultax li l-ħruġ ta' żewġ kaxxi tal-ħobż mir-rikorrent jikkostitwixxi serq. Ir-rikorrent kien ilu żmien jagħmel dan u kien jagħmlu eżatt kif għamlu meta deher fuq iċ-CCTV. Il-hobż imnawwar kien oġġett għar-rimi bħal l-iskart. Kien ir-rikorrent stess li rraporta n-nuqqas tal-ġobna u kien dan il-fatt li qala l-kaz kollu. Is-Soċjeta' ntimata għaġlet fid-deċiżjoni u r-rikorrent spiċċa bħal ħaruf tas-sagrifiċċju.

Is-Soċjeta naqset li ma kelliex policy miktuba ċara u tonda fuq ħruġ ta' affarijiet, idejalment iffirmata ndividwalment mill-ħaddiema kollha.

Ir-Rikorrent kellu rekord ta' mġieba u xogħol eċċellenti kemm dam fl-impjieg.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Meħuda in-konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi li t-tkeċċija kienet waħda nġusta u li hemm lok li r-rikorrent jingħata kumpens. It-Tribunal mhux qed jilqa t-talba li r-rikorrent jingħata lura l-post tax-xogħol.

Il-Kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500), liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjeta ntimata lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għal-finijiet tal-kap 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disgħin euro u sbatax €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : **Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja